# MARIUS GRECH

DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

**DIGRIET TAT-TWAQQIF TAĊ-"ĊENTRU TA' ARTI LITURĠIKA *EIKON*"**

Imsaħħra mis-sebħ ta' Alla li deher f'Ġesù Kristu aħna, li għandna s-sejħa li nkunu Knisja missjunarja, inħossuna misjuqin biex nagħtu sura li tidher lil dan il-ġmiel li ma jidhirx, għax nemmnu li dan huwa l-ġmiel li jisraq il-qalb umana.

B'din il-viżjoni evanġelizzatriċi, permezz ta' dan id-digriet qed inwaqqaf il-laboratorju **"Ċentru ta' Arti Liturġika *Eikon*"**.

Imnebbaħ mill-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Liturġija Mqaddsa *Sacrosanctum Concilium* nixtieq li dan iċ-Ċentru jkun:

ambjent fejn il-patrimonju artistiku tal-Knisja jiġi valorizzat bħala fonti teoloġika u strument pastorali. Dan jista' jsir billi joffri studju tal-istorja tal-arti sagra, interpretazzjoni teoloġika u spiritwali tagħha, kif ukoll għarfien akbar tat-tradizzjonijiet tal-Knejjes Orjentali;

joffri servizz ta' formazzjoni lil dawk l-artisti li jixtiequ jpoġġu l-ħiliet artistiċi tagħhom għas-servizz tal-Knisja, l-aktar għall-Kult Divin, sabiex mimlija bl-ispirtu tal-arti sagra u l-lituġija jkunu jistgħu jwettqu dan il-ministeru bl-aktar mod ġenwin;

ikun post ta' produzzjoni ta' arti liturġika fid-diversi espressjonijiet tagħha, fl-ispirtu tat-Tradizzjoni tal-Knisja u l-linji mogħtija mill-Konċilju Vatikan II;

ikun post fejn joffri għajnuna u konsultazzjoni kemm teoloġika kif ukoll teknika fil-proġettazzjoni jew adegwament tal-imkejjen liturġiċi u fejn jidħlu opri tal-arti jew oġġetti marbutra mal-Kult Divin, lill-komunitajiet Insara li jitolbuha;

li jżomm kuntatti u skambji fuq livell nazzjonali u internazzjonali ma' persuni u entitajiet li jistgħu joffru servizz jew għajnuna ta' diversi għamliet fil-qasam tal-arti kristjana.

Biex dan iċ-Ċentru qed jiġi inawgurat illum, erba' snin ilu bgħatt lil Dun Roberto Gauci S.TH.B. biex jitħarreġ fiċ-*Centro Studi e Ricerche "Ezio Aletti"* f'Ruma taħt it-tmexxija ta' Patri Marko Ivan Rupnik S.J.

Bil-preżenti naħtar lill-istess Dun Roberto bħala l-ewwel direttur ta' dan iċ-Ċentru, fiduċjuż li hu mogħni b'dawk il-ħiliet teoloġiċi, spiritwali, u artistiċi biex iwettaq dawn l-għanijiet.

Mogħti mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat Għawdex, illum is-Sibt 2 ta' Diċembru 2017.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

**Mons. Salv Debrincat**
**Kanċellier**